MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 751/2013

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**
**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu gie sintetikament espost is-segwenti:

1.1 Illi l-intimat fuq indikat ghandu jhallas mija, erbgha u disghin elf u disgha u erbghin Ewro u erbgha u disghin centezmu, (€194,049.94), prezz dovut ghal konsenji ta' *fuels* mixtrija mill-intimat minghand il-Korporazzjoni rikorrenti u ghal spejjez relatati;
1.2 Illi nonostante li l-intimat kien interpellat diversi drabi biex ihallas dan l-ammont minnu dovut, jirrizulta li baqa' inadempjenti;

1.3 Illi ghandaqstant il-Korporazzjoni rikorrenti aderiet din il-qorti u talbitha:

1.3.1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat hu obbligat li jhallas is-somma ta’ mija, erbgha u disghin elf u disgha u erbghin Ewro u erbgha u disghin centezmu, (€194,049.94), lill-Korporazzjoni rikorrenti;

1.3.2. Tikkundanna lill-intimat fuq indikat ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-Korporazzjoni rikorrenti, dovut lilha bhala prezz ghall-konsenji ta’ *fuels* mixtrija mill-intimat *de quo* minghand l-istess Korporazzjoni u ghall-spejjez relatati;

1.3.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur fuq riferit u, bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data tal-fatturi relattivi, kontra l-istess intimat;

1.4. Ezaminat id-dokumenti annessi mal-istess rikors guramentat promotur;

1.5. Tirrileva li nonostante li l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz ghas-smiegh relattiv, jirrizulta li baqa’ fi stat ta’ kontumacia;

1.6. Rat in-nota tal-intimat fuq riferit datata l-24 ta’ Ottubru, 2013, li permezz taghha ammetta t-talba ghall-hlas tal-ammont pretiz mill-Korporazzjoni rikorrenti;

Ikkunsidrat:

1.7. Illi in vista tan-nota t’ammissjoni tal-intimat riferita fil-paragrafu precedenti, din il-qorti m’ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji t-talbiet tal-Korporazzjoni rikorrenti fuq indikata, u konsegwentement:

**DECIDE:**

1.7.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat hu obbligat ihallas is-somma ta' mija, erbgha u disghin elf u disgha u erbghin Ewro u erbgha u disghin centezmu, (€194,049.94), lill-Korporazzjoni rikorrenti;

1.7.2. Tikkundanna lill-intimat Joseph Azzopardi biex ihallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lill-istess Korporazzjoni rikorrenti, ammont lilha dovut ghall-prezz ghall-konsenji ta' *fuels* mixtrija mill-intimat fuq riferit minghand il-Korporazzjoni EneMalta, u ghall-ispejjez relatati;

1.7.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u, bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data tal-fatturi relattivi kif mitlub, sad-data tal-effettiv pagament.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------